Minuti tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija-
Nru 65
tat-Tmien Leġislatura

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

IT-TMIEN LEĠISLATURA

28 ta' Frar 2024

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi- Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa – Kunsillier

Johnny Vella - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Chrismar Xuereb - Deputat Segretarju Eżekuttiv

HS Cx

## 65.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

65.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

65.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 64 kienu mibgħuta qabel il-laqgħa. Dawn ittieħdu bħal moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispetivament.

## 65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

65.3.1 Is-Sindku Hubert Saliba qal li tkellem mal-kuntrattur sabiex jitwaħħlu l-cameras fil-Bandli tal-Ħamrija. Dan biex jiġi evitat vandaliżmu u jkun hemm aktar sigurtà. Is-Sindku qal ukoll li tkellem mal-perit Scerri dwar il-play equipment li ġiet issuġġerita mill-Kunsill biex tiġi 'nstallata fil-bandli, il-perit qabel li ż-żurżieqa magħżula mill-Kunsill hemm fejn tiġi installata. Il-perit Scerri qal ukoll li m'hemmx spazju fejn tiġi nstallata *playhouse*.

65.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-iżviluppi li kien hemm mill-laqgħa li saret mal-Perit Scerri u l-Inġinieri Grima dwar il-progett ta' Ġnien Blankas, fejn qal li l-perit kien fadallu xi xogħol min-naħħa tiegħu, u hekk kif ilesti għandu jmexxi sabiex il-Kunsill ikun jista jaħdem fuq il-publikazzjoni tat-tender.

65.3.4 Is-Sindku ta rendikont tax-xogħol relatat mat-tisbieħ tal-Ġibjun fi Triq il-Kbira. Is-Sur Saliba qal li l-pots ġew installati u tħawlu l-pjanti u siġar fihom. Is-Sindku qal li issa qed jinġabru l-istimi biex isir ix-xoghol relatat mad-dawl. Is-Sindku talab lill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex sabiex jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa fuq il-bieba tal-ħorża tal-ġibjun, u rringrazzja pubblikament lill-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex tax-xogħol ta' manutenzjoni u restawr li huma għamlu fuq il-bankijiet li issa reġgħu tpoġġew f'posthom fuq il-Ġibjun. Il-Kunsillier Domenic Zerafa saħaq l-importanza li dan il-post jinżamm nadif.

65.3.5 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera l-kont pendenti li fadal dwar il-proġett ta' Triq il-Kbira, liem proġett kien jinkludi wiċċ ġdid bit-tarmac lil din it-triq. Is-Sindku semma kif meta tlesta x-xogħol il-Perit kien qal sabiex tissewwa parti mit-triq għax ma kienetx sew, iżda issa li għadda ftit taż-żmien il-Perit qal li t-triq tranġat maż-żmien. Il-Kunsillier Domenic Zerafa qal li hemm xi tappieri li madwarhom il-livell tat-triq huwa baxx u kawża t'hekk qed iżomm l-ilma. Is-Sur Zerafa qal li hemm bżonn li titqaxxar dik il-parti u terġa ssir mill-ġdid. Il-Kunsill qabel ma dan.

*16.25 Daħlet fil-Laqgħa Jeanelle Attard.*

65.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva mingħand il-Perit fejn qal li rridu dikjarazzjoni mill-Education dwar il-Proġett tal-Learning Hub. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet għalfejn hemm bżonn dan, u l-Kunsill qabel li nerġgħu nkellmu l-perit biex niċċaraw x'hemm bżonn.

## 65.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

65.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar is-sensory equipment li l-Kunsill kellu jiċċekkja dwaru biex jiġi nstallat fil-Bandli tal-Ħamrija. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu kien bgħat diversi imejls' għall-kwotazzjonijiet però s'issa kien għadu bla risposta.

65.4.2 Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi issuġġerixxa li jitnaddaf Ġnien il-Ħaddiem, b'mod speċjali il-funtana li tinsab fin-nofs tal-Ġnien. Is-Sindku qabel miegħu u ssuġġerixxa biex nitolbu l-għajnuna tal-Ministeru Għal Għawdex sabiex jitnaddaf mit-terrapien u ġebel li fih. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 65.5 Karnival 2024 - Evalwazzjoni

65.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' rendikont tal-Karnival fix-Xewkija li sar il-Ħadd 11 ta' Frar 2024 fi Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel li dan sar b'suċċess, bl-unika nota mhux daqshekk sodisfaċenti kienet dik tal-Kompetizzjoni għall-aqwa Maskarat kreattivi. Il-problema kienet li mhux kull min ipparteċipa kien liebes ta' maskarat. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-kompetizzjoni tkun għall-isbaħ kostum. Id-Deputat Segretarju qal ukoll li għalkemm il-Kunsill naqqas il-ħlas finanzjarju lill-parteċipanti, xorta waħda l-kumpaniji aċċettaw li jieħdu sehem, bl-eċċezzjoni ta' xi kumpaniji li għal raġunijiet raġonevoli talbu l-istess ħlas bħas-sena 2023 u l-Kunsill kien qabel dwar dan.

*16:28 Daħlu għal-laqgħa membri mill-Għaqda tan-Nar*

## 65.6 Festa San Ġwann Battista 2024

65.6.1 L-għaqda tan-Nar ressqu fuq il-mejda tal-Kunsill it-talba tagħhom lill-Kunsill għall-Festa ta' San Ġwann Battista 2024. Huma talbu l-istess għajnuna tas-sena 2023. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu jiddiskuti dan u nagħtuhom risposta il-quddiem. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill flimkien mal-membri tal-Għaqda tan-Nar li l-ispejjeż relatati mal-permessi tas-sena l-għaddiet ser jiġu rimborsati lill-Kunsill min Skema fejn il-Kunsill irid jitlob għaliha min Reġun Għawdex. Il-membri tal-Għaqda rringrazzjaw bil-quddiem lill-Kunsill tal-għajnuna tiegħu.

*16:39 Ħarġu mil-Laqgħa il-membri tal-Għaqda tan-Nar*

65.6.2 Il-Viċi Sindku s-sur Paul Azzopardi saħaq li l-Kunsill għandu jara f'liem sitwazzjoni qiegħed qabel jikkommetti ruħu għall-għajnuna. Il-Kunsill qabel li din hija d-direzzjoni li rridu nieħdu u ġie deċiż li ninfurmaw lill-għaqdiet tal-festa sabiex jibgħatu t-talbiet tagħhom sal-laqgħa li jmiss. Sadattant l-Kunsill irid jiġbor l-informazzjoni meħtieġa dwar l-infiq tal-Kunsill fuq attivitajiet u kollaborazzjonijiet li saru matul is-sena 2023 biex imbagħad ikun jista jiġi deċiż aħjar kif ser jiġu mqassma l-fondi allokati għall-attivitajiet soċjali anke skond il-gwida u l-għajnuna tal-Accountant tal-Kunsill.

65.6.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill talba mill-Kumitat Ċentrali tal-Festa sabiex tintefa l-funtana u tiġi mbattla mill-ilma fil-jiem tal-festa. Dan minħabba l-ħsara li qed isir lill-armar peress li ħafna tfal qed joqgħodu jimlew l-ilma minnha u jitfgħuh għal xulxin. Il-Kunsill qabel li l-funtana tintefa u tiġi mbattla fit-tlett ijiem tal-festa.

65.6.4 Talba mill-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin biex isiru toqob ġodda għall-armar tagħhom tal-festa. Il-Kunsill qabel li jsir ġaladarba jkollhom il-permessi u l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet.

65.6.5 Il-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin talbu wkoll sabiex fit-8 ta' Ġunju jorganizzaw attività fi Ġnien Blankas, fl-istess ġurnata li hemm l-Elezzjoni. Il-Kunsill qabel li nibgħatu lill-Pulizija sabiex jiggwidawna. Talba mill-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija biex jorganizzaw attività u talbu l-kollaborazzjoni mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandna naraw l-ammont mitlub kemm hu. Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi saħaq li għandna naraw li jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa u l-Kunsill jiddeċiedi

## 65.7 Skemi għall-Kunsilli Lokali 2024

65.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza b'diversi skemi maħruġa għall-Kunsilli Lokali għas-sena 2024. Rigward l-iskema SPI/SCI/05/2024, Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu ma rappreżentanti tas-Soċjeta Filarmonika Prekursur sabiex jiġu organizzati Fiori D'Argenta u anke Christmas In The Square bl-għajnuna tal-iskema msemmija. Rigward l-iskemi l-oħra, l-Kunsill għandu jara aktar il-quddiem dwarhom.

## 65.8 Komunikazzjoni

65.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza b'diversi ritratti li turi l-istat li tinsab fih parti minn Triq L-Arċipriet Ġużepp Grech. Il-Kunsill qabel unanimament li l-istat ta' din it-triq huwa inaċċettabbli, u qabel li l-Kunsill għandu jerġa jinforma lill-awtoritajiet responsabbli dwar dan.

65.8.2 Talba mill-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija biex isiru t-toqob għan-nar tal-art fi Triq Widnet il-Baħar. Il-Kunsill qabel li għandhom iġibu l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet neċessarji.

65.8.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar it-tender biex isir ix-xogħol ta' rinnovar u modernizzazjoni tal-lattrina tal-Bandli tal-Ħamrija. Dan it-tender ġie over budget.Il-Kunsill qabel li għalissa l-lattrina tibqa kif inhi, peress li din tinsab fi stat tajjeb.

65.8.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet l-idea li nagħtu xi servizz lill-għaqda volontarja Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija u ta' dan jitħallsu tiegħu. Is-Sindku semma kif diġà l-Kunsill qed joffri dan lil diversi għaqdiet bħal, servizz tal-ħriet u xogħol tal-posters. Huwa żied jgħid li għandna naraw x'servizzi oħra jistgħu jingħataw lil dawn l-għaqdiet. Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi semma l-lattrina ta' Ġnien Blankas, biex jara x'possibilita hemm li tibda tieħu ħsieba xi għaqda volontarja. Is-Sindku wieġeb li din il-lattrina kienet għaddiet mill-Kunsill sabiex jibda jieħu ħsieba s-Sur Michael Buttiġieġ. Is-Sindku qal li ser jara l-possibilita li jingħata s-servizz tat-tqegħid tal-barrikati kull nhar ta' Sibt fi Triq Widnet il-Baħar fejn isir il-monti.

65.8.5 Talba mill-Għaqda tal-Armar sabiex il-Kunsill jikkollabora sabiex jintramaw it-toroq li minnhom tgħaddi l-purċissjoni tad-Duluri. Il-Kunsill qabel li l-għajnuna tkun ta' €700.

65.8.7 Talba mis-Sergretarju ta' Xewkija Tigers F.C għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-attivita kommemorattiva li ser itellgħu bħala parti mill-proġett tal-lifetime members. Is-Segretarju tax-Xewkija Tigers talab is-somma ta' €5,000.00c. Il-Kunsillier Domenic Zerafa ssuġġerixxa li l-Kunsill jgħin billi jkun Lifetime member. Il-kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li għandna nitolbu x'tinvolvi din is-somma li tħallas parti mill-attivita.

65.8.9 Talba minn Gaulitana, għall-kollaborazzjoni mill-Kunsill f'din l-attivita. Il-Kunsill talab kemm hu l-ammont sabiex ikun jista jiddeċiedi jikkolaborax.

65.8.10 Talba mill-Għaqda Milied fix-Xewkija għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-organizzazzjoni tal-Mejda tal-Appostli. Is-Sindku iddikjara li hu huwa parti min din l-organizazzjoni u għalhekk talab biex joħroġ mil-laqgħa sa xħin tittieħed deċiżjoni. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jikkollabora permezz tas-somma ta' €500.

65.8.11 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard u l-Viċi Sindku Paul Azzopardi rrimarkaw il-punt li dawk l-attivitajiet li jittellgħu permezz tal-kollaborazzjoni tal-Kunsill għandhom jirreklamaw dan.

65.8.12 Talba mill-ħaddiema tal-Kunsill biex jinxtara sellum għall-użu tal-ħaddiema. Id-Deputat Segretarju ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjoni u ġie deċiż li jinxtara s-sellum.

65.8.13 Talba mingħand is-Sa Carmen Mifsud sabiex issir mera' ġdida faċċata tar-residenza tagħha minħabba t-traffiku fi Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Transport Malta. Is-Sa Mifsud talbet ukoll biex il-Kunsill jikkunsidra li Triq l-Indipendenza ssir One way.

**65.11 Korrispondenza u Ilmenti**

Minuti tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija-
Nru 65
tat-Tmien Leġislatura

| | |
|---|---|
| 01/02/2024 | Road Show Truck nhar it-Tlieta 6 ta' Frar, 2024. |
| 01/02/2024 | 'Tree planting initiative' fi Triq Briegħen. |
| 02/02/2023 | Korrispondenza mingħand l-Assistant Head tal-Kulleġġ Rosa Magro Xewkija fejn tatna lista tal-Istudenti li ser jieħdu sehem fil-proġett Interġenerazzjonali |
| 05/02/2024 | Cir AKL 2024/012_EneMalta report – Street Lightning Demarcation Boxes. |
| 06/02/2024 | Talba mill-Għaqda tal-Armar għall-mixgħela tad-Duluri. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill għandu jikkollabora mal-Għaqda tal-Armar permezz ta' €700. |
| 06/02/2024 | Cir AKL 2023/045_Lesa Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal Linji Gwida u Proċeduri bl-Informazzjoni u Dokumenti meħtieġa għar-Rimbors. |
| 07/02/2024 | Cir AKL 2023/045_LESA – Fondi għall-Infurzar waqat l-Attivitajiet fil-Lokal. |
| 07/02/2024 | Korrispondenza mingħand il-Green Pack rigward it-Twaqqif ta' IBins u 'underground Bring-in-Sites'. |
| 07/02/2024 | Cir AKL 2024/013_Active Ageing andCommunity Care – Elderly Services Application updated application forms. |
| 07/02/2024 | Korrispondenza mingħand Sultech dwar tbattil ta' Bring-in-Sites f'Tal-Barmil HOS. |
| 08/02/2024 | Skemi għall-Kunsilli Lokali 2024 korrispondenza mingħand Ms Michelle Scerri. |
| 08/02/2024 | Maratona Mission is-Sibt 9 ta' Marzu 2024. |
| 09/02/2024 | Korrispondenza lill-ERA dwar Ċimnija fiż-Żona Industrija Xewkija mingħand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. |
| 09/02/2024 | Cir AKL 2023/114_SRPP – putting you in contact for the dissemination of the survey. |
| 12/02/2024 | Korrispondenza mingħand ERA dwar iċ-Ċimnija fiż-Żona Industrijali fejn infurmaw lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li kienu saru spezzjonijiet fuq il-post rigward iċ-ċimnija fiż-żona Industrijali. |
| 12/02/2024 | Cir Akl 2024/014_The Master in Maltese Studies applications. |
| 15/02/2024 | Call for Applicatioin – Maltese Youth Delegate to the UN – Deadline 25th February 2024. |
| 15/02/2024 | Talba mingħand Gaulitana A Festival of Music '24 għall-kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali f'din l-attivita. Il-Kunsill talab stima għall-kollaborazzjoni. |
| 15/02/2024 | Cir AKL 2024/016_Collaborative Mural Project. |
| 16/02/2024 | Lauch of Intergenerational Project 23 ta' Frar, 2024 fis-1.00p.m. fl-Iskola Rosa Magro Xewkija. |
| 16/02/2024 | Kunsill Reġjun Għawdex – Unadited Financial Statements and 4th Quarterly Report għall-approvazzjoni fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex nhar it-Tlieta 20 ta' Frar, 2024. |
| 16/02/2024 | Is-16 Edizzjoni tal-Oasi Foundation Cup Run and Fun Walk 2024 fis-6 ta' Ottubru, 2024 permess biex jingħalqu t-triqat mnejn jgħaddu dawk li jieħdu sehem. Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni mat-talba biex issir il-Maratona fit-toroq imsemmiha fil-lokalita' tax-Xewkija. |
| 19/02/2024 | Cir AKL 2024/010_Mental Health First Aid. |
| 20/02/2024 | Korrispondenza mingħand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv lis-Sindku u Kunsilliera dwar posponiment tal-'Launch tal-Proġett'. |
| 20/02/2024 | Korrispondenza mingħand Ms Sephora Debrincat dwar l-posponiment tal-'Intergeneration Session'. |
| 20/02/2024 | Korrispondenza mingħand il-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin fejn talbu biex isiru toqob ġodda għall-armar tal-festa fil-Pjazza San Ġwann Battista u talbu wkoll permess biex isir attività f'Ta' Blankas b'risq il-Festa ta' San Ġwann Battista fil-11 ta' Mejju, 2024. Il-Kunsill qabel unanimament. Rigward it-toqob il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni ġa la darba jkun hemm il-permessi meħtieġa mingħand l-awtoritajiet. |
| 22/02/2024 | Korrispondenza mingħand il-Kumitat Żgħażagh Brijużi Xewkin dwar permess għall-ikla Ta' Blankas. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Pulizija għan-No Objection. |
| 22/02/2024 | Korrispondenza mingħand Sharlon Mercieca, Segretarju tal-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija fejn talbu permess għall-Ikla tal-festa li ser issir fil-31 ta' Mejju, 2024 u wkoll |

18

| | |
|---|---|
| | talbu l-għajnuna finanzjarja. Il-Kunsill qabel li għandna naraw kemm hi l-għajnuna mitluba. |
| 23/02/2023 | Korrispondenza mingħand il-Green MT dwar Recyling Bins f'Għawdex. |
| 23/02/2024 | Talba mis-Segretarju ta' Xewkija Tigers FC għall-kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali fl-attivita' kommemorattiva tal-Lifetime/Super membership li ser issir f'Ġunju. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru l-ammonti u jiddiskuti dwarha l-quddiem. |
| 26/02/2024 | Talba mis-Segretarju tal-Kumitat Ċentrali sabiex il-funtana li tinsab fil-Pjazza tintefa u tiżvojta mill-ilma fil-jiem tal-festa, minħabba li ħafna tfal qed jieħdu l-ilma minnha u jxerrdu l-ilma mal-armar tal-madwar, b'kawża li qed isir ħsara fl-armar. |
| 27/02/2024 | Talba mill-Għaqda Milied Xewkija għall-kollaborazzjoni biex issir il-Mejda tal-Appostli fiż-żminijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ammont ta' kollaborazzjoni jkun ta' €500. |

## Ilmenti

| | |
|---|---|
| 05/02/2024 | Korrispondenza mingħand is-Sur Christopher Cassar biex issir 'Road Hump' fi Triq il-Mitħna peress li qed isuqu eċċessiv. |
| 09/02/2024 | Ilment mingħand is-Sa Francine Bugeja sabiex isiru Dwal għal 'Pedestrians' biex ikunu jistgħu jaqsmu t-Triq fi Triq Ħamrija qabel taqbad Triq San Ġwann u Triq Canga qabel taqbad is-'Supermarket'. |
| 12/02/2024 | Janice Ann Scicluna nee Farrugia li kienet toqgħod 2, Triq Narċis, Xewkija qalet li issa ma għadiex toqgħod Triq Narċis għalhekk talbet biex jitneħħa d-disabled parking. |
| 19/02/2024 | Korrispondenza mingħand Ms Margaret Psaila dwar l-istat ħażin ta' Ġnien il-Ħaddiem fejn qed titlob li jsir tindif u manutenzjoni f'dan il-ġnien. |
| 20/02/2024 | Is-Sur Joseph Bezzina talab post biex isiru c-charging pillars fix-Xewkija. |
| 20/02/2024 | Ilment mingħand is-Sa Tereza Farrugia biex isiru 'Double Yellow Lines' fi Triq Sansun peress li qed jipparkjaw diversi vetturi qrib tal-kantuniera. |
| 20/02/2024 | Talba mingħand is-Sa Carmen Mifsud biex issir mera ġdida faċċata tar-residenza tagħha fi Triq l-Indipendenza peress li dik il-parti tat-triq hija dejqa u tkun perikoluż biex toħroġ vettura mill-garage. Nitolbu lill ministeru |
| 20/02/2024 | Talba mis-Sa Carmen Mifsud sabiex tiġi kkunsidrata l-idea li Triq l-Indipendenza ssir 'One Way' minħabba t-traffiku li qed ikun hemm. |
| 20/02/2024 | Ilment mingħand is-Sur John Vella resident fi Pjazza San Ġwann Battista minħabba li diversi vetturi qed jipparkjaw quddiem tiegħu minkejja li hemm tabelli biex ma jipparkjawx. |
| 20/02/2024 | Korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Mercieca dwar permess biex jikkampja hu u xi persuni oħra f'Ta Blankas. |
| 21/02/2024 | Talba biex issir patching fit-Triq ta hdejn il-Kajselli u tagħti għal Taċ-Ċawla. |
| 22/02/2024 | Talba biex jsir xi ħaġa dwar d-duħħan li ħiereġ minn Ta' Magro factory għax wara li sar ir-Rapport xorta ma tranġawx. |
| 26/02/2024 | Korrispondenza mingħand Marianne Spiteri dwar stat ħażin tal-Bankini fi Triq il-Mitħna għax għoljin ħafna. |

Cx

HB

## 65.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti

65.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 65.13 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

65.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18:54 Is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

Hubert Saliba

Sindku

Chrismar Xuereb

Deputat Segretarju Eżekuttiv